

IL-PROFESSUR RAY MANGION
B.A. (Hons.) (Istitut Agostinjan), M.A. (Storja) (Melit.), LL.D. (Melit.), D.Phil. (Oxon.), M.O.M.

# ANTON AGIUS (24.4.1872 – 10.5.1936)

Antonio Agius twieled il-Birgu, iben Giuseppe Agius u Teresa Montesin. Huwa tgħammed minn Dun Publius Farrugia, l-Arċipriet tal-Belt Vittorjosana, l-għada 25 ta' April 1872. Huwa ngħata l-ismijiet ta' 'Antonius, Jo'.

Huwa kellu ħuh Dun Ġwann li kien Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta kif ukoll ħu Carmelo li kien awtur u stampatur ta' rumanzi, kotba devozzjonali u letteratura reliġjuża. Oħtu Filomena żżewġet lil Giorgio Peresso li kien wieħed mill-ewwel delegati tal-Partit Laburista wara l-fundazzjoni tiegħu fl-1920.

Missieru Giuseppe kien ċangier filwaqt li ommu kienet mara tad-dar. Il-familja tiegħu kienet magħrufa bħala 'Tal-Għasfura'.

Antonio jew inkella Anton fil-qosor, studja għas-saċerdozju u kien ordnat fit-22 ta' Diċembru 1894. Huwa sar Kanonku fil-Kolleġġjata tal-Belt Marittima li twieled u trabba fiha fit-18 ta' Mejju 1900.

Huwa wettaq ħidma pastorali mhux biss f'Malta iżda wkoll f'Għawdex. Huwa wera impenn kbir biex l-influwenza tal-Knisja Kattolika Rumana tikber u tissaħħaħ fost il-familji Maltin u Għawdxin.

Huwa kien ta' għajnuna kbira biex il-kleru u l-poplu tan-Nadur jimplimenta programm ta' tiġdid u tisbiħ tal-Kolleġġjata u Bażilika moħtarin lil San Pietru u San Pawl fil-Ġżira tat-Tliet Għoljiet fis-sena 1907.

Dun Anton ta għalqa lill-Parroċċa tan-Nadur biex minnha ssir latnija u jinqata' l-ġebel li kien hemm bżonn, speċjalment għall-bini tan-navati, tal-koppla u tal-faċċata, kollha godda fjamanti, fuq id-disinn Rinaxximentali tal-Professur Malti Francesco Saverio Sciortino.

Huwa mhux biss inħatar Kanonku Onorarju tal-maqdes ewlieni tal-villaġġ rurali u pittoresk iżda ssejjaħ "Benefattur Insinji" mill-Kappillan innifsu, il-Kantur Dun Martin Camilleri, li kien il-moħħ li mexxa l-proġett.

Dun Anton rabat qalbu mat-tempju maestuż u baqa' jitla' fin-Nadur għall-Festa tal-Imnarja, ta' kull sena.

Dun Anton Agius kellu wkoll rabtiet mill-qrib ma' Tas-Sliema meta din il-Belt Marittima fiż-Żona tal-Port il-Kbir imtliet bil-bini u l-popolazzjoni tagħha żdiedet ġmielha. Infatti, huwa għamel żmien twil iservi fi ħdan il-parroċċa ta' Stella Maris fejn huwa kien iqatta' sigħat twal fil-konfessinarju li minnu kien ukoll jagħti l-pariri lid-devoti u jsabbar lill-fidili.

Huwa kien il-Kappillan tas-Sorijiet tal-Klarissi u kien jieħu ħsieb il-Knisja tal-Madonna tal-Mensija, fil-limiti ta' San Ġiljan. Anzi, huwa kien jagħmilha ta' Kuratur tal-Kappella moħtara lill-istess kult Marjan fis-sotterran iddedikat lil San Anard iżda popolarment magħruf bħala 'Tal-Ħofra'.

Huwa ħalla kwadru ta' San Lawrenz fl-istess niċċa flgħar taħt l-art li tneħħa mis-suċċessur tiegħu.

Huwa kien ferventement jappoġġja lil San Lawrenz u kien minn ta' quddiem li oppona għall-ħruġ tal-vjatku mill-Knisja tal-Lunzjata f'liema okkażjoni kienet inqalgħet kontroversja fil-Birgu.

Dun Anton Agius miet ta' 64 sena meta ntlaqat minn attakk ta' asma kardijaka fiddar li fiha kien resident, n.64, fix-Xatt tal-Imsida, fl-Imsida.

Hu ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Raħal Ġdid.



Dun Anton Agius f'ritratt li kien imxandar wara mewtu (c) Professur Raymond Mangion

**Biblijografija:**

Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 1572/1872 u Mwiet 1930/1936; Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu 'Volum X, 1866-1876, 121v;, Reġistru tal-Magħmudijiet; Arkivju Arċiveskovili, Malta, Floriana, Canonicati Vittoria Senglea Cospicua, f.90; Alexander Bonnici O.F.M.Conv., In-Nadur Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin Fil- Ħajja Soċjali ta' Għawdex, Vol.II Il-Wirt Nisrani Fiż-Żminijiet Moderni (1827-1988) (Storja 15, 1988); Winston L. Zammit, komunikazzjoni personali (14.v.2006); Lorenzo Zahra, kommunikazzjoni personali (14.vi.2006); Giorgio Peresso (10.vii. 2020).